MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1493/2005

**Cleland & Souchet Ltd**
**vs**
**Dr Anthony Cutajar nominat kuratur deputat b'degriet tat-30 ta' Settembru 2005 biex jirraprezenta lill-assenti Martin Mc Evoy Productions Limited**

Numru
Talba Numru 1493/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fit-12 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici tablet hlas tas-somma ta' elf u erbgha mija disgha u disghin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm1,499.99), rapprezentanti spejjez inkluzi taxxi mhallsa mis-socjeta attrici bhala mandatarja tas-socjeta konvenuta b'l-ispejjes u bl-imghaxx legali.

Ra r-risposta tal-kuratur li permezz taghha eccepixxa li huwa mhux edott mill-fatti u rriserva li jipprezenta risposta ulterjuri meta u jekk jkollu opportunita jikkomunika mas-socjeta konvenuta.

Ra li l-kuratur ghal xi zmien irnexxielu jikkomunika mas-socjeta konvenuta u waqt l-udjenza mizmuma fil-31 ta' Ottubru 2005 eccepixxa ulterjorment li s-socjeta konvenuta m'ghandha tghati l-ebda ammont lis-socjeta konvenuta.

Ra x-xhieda ta' Richard Cleland in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ra d-diversi dokumenti esebieti.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Jirrizulta mill-atti li s-socjeta attrici (flimkien ma terzi) organizzat l-produzzjoni ta'l-opra La Boheme hawn Malta; is-socjeta attrici ikkontrattat mas-socjeta konvenuta ghall-*performance*. Il-partijiet koncernati ftehmu fuq hlas u d-dettalji kollha pero ma giex iffirmat kuntratt bil-miktub. Kien gie abbozzat kuntratt (Dok RZP) pero dan ma giex iffirmat. Bhala parti mill-ftehiem s-socjeta attrici kellha thallas lil dik konevnuta s-somma ta' £31,500 li minnhom £10,500 kienu jirraprezentaw spejjez li kienet ser tirinkorri s-socjeta konvenuta, u £21,000 kienu *performing fees*.

Jirrizulta wkoll li bhala parti mill-ftehiem milhuq is-socjeta konvenuta tat granzija bankarja relatata mal-qaghdi ta'l-obbligi taghha fil-konfront tas-socjeta attrici, u cioe li din tigi Malta u taghmel il-*performance*. Il-*performance* fil-fatt sar ghalhekk s-socjeta attrici rrilaxxat il-garanzija bankarja u ghamlet l-hlasijiet kollha dovuta minnha lis-socjeta konvenuta ai termini tal-ftehiem milqugh.

Irrizulta li xi zmien wara li saret il-*performance* u saru l-hlasijiet miftehma s-socjeta attrici rceviet xi kontijiet.

Wiehed kien tal-*wardrobe mistresses*, iehor kien ghal xi kiri ta’ strumenti; kien hemm kont iehor mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Dawn il-kontijiet thallsu mis-socjeta attrici li issa qed tippretendi hlas taghhom minghand is-socjeta konvenuta.

Meta saret il-*performance* u r-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta kienu ser jitilqu minn Malta l-kontendenti kienu jafu b’l-ezistenza ta’l-ispejjez relatati mal-*wardrobe mistresses* u l-kiri ta’l-istrumenti. Li ma kienux jafu f’dak l-istadju kien il-quantum ta’l-ispejjez stante li *invoices* kienu ghadhom ma hargux. Jidher li kien hemm ftehiem implicitu li dawn jithallsu mis-socjeta attrici li mbaghad tigi rimbursata mis-socjeta konvenuta.

Fil-fatt f’ korrispondenza skambjata bejn il-kontendenti s-socjeta konvenuta, ghalkemm ikkunsidrat il-kontijiet bhala eccessivi (alemu ghal dak li jirrigwarda l-*wardrobe mistresses*), accettat li thallas l-ammonti relattivi (ref Dok DC).

Ghalhekk jirrizulta li t-talba tas-socjeta attrici ghal dak li jirrigwarda spejjez relatati mal-*wardrobe mistresses* u l-kiri ta’ xi strumenti hija gustifikata.

Is-socjeta attrici pero qeghda titlob hlas ta’ somma flus li hija kienet kostretta thallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni rapprezentanti taxxa dovuta fuq il-qliegh (*performing fees*) maghmul mis-socjeta konvenuta.

Mill-atti jidher li l-ebda wiehed mill-partijiet ma kien konxju li mill-*performing fees* imhallsa lis-socjeta konvenuta kellha titnaqqas t-taxxa pero ftit xhur wara l-*performance* s-socjeta attrici rceviet talba ghal hlas ta’ ammont ta’ flus rapprezentanti taxxa li kellha titnaqqas mill-hlas li sar lis-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici infurmat lis-socjeta konvenuta b’din it-talba u min-naha taghha s-socjeta konvenuta ppromettiet li ser tiehu hsieb kollox hi.

Wara xi xhur is-socjeta attrici irceviet talba ohra minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas ta’ l-istess ammont. Minn hawn is-socjeta attrici bdiet korrisponednza

mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni oltre li regghet bdiet komunikazzjoni mas-socjeta konvenuta dwar din il-kwistjoni. Minkejja t-tentattivi kollha taghha biex tirrisolvi din is-sitwazzjoni s-socjeta attrici sabet ruhha f'pozizzjoni fejn kellha thallas l-ammont mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghaliex fin-nuqqas kienet ser ikollha thallas penali wkoll.

Minn ezami tac-cirkostamzi kollha tal-kaz t-Tribunal jikkondividi l-fehma tas-socjeta attrici u cioe li din ma kelliex ghazla hlif li thallas lill-Kummisarju tat-Taxxi Interni. Inoltre t-Tribunal huwa tal-fehma ukoll li ladarba dan il-hlas jirraprezenta taxxa dovuta mis-socjeta konvenuta fuq il-qliegh taghha, u f' nuqqas ta' ftehiem iehor (bejn il-kontendenti) dwar il-hlas ta' l-istess, is-socjeta attrici hija gustifikata fil-pretensjoni taghha li dan l-ammont ghandu jigi rifuz lilha mis-socjeta konvenuta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf u erbgha mija disgha u disghin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm1,499.99) b'l-imghaxx mid-data tas-sentenza. Spejjez ikunu a karigu tas-socjeta konvenuta provizorjament a spejjez tas-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------